02/2026

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

23 TA' MARZU 2026

## IL-KUNSILL IL-ĠDID TAL-KTP JASSUMI L-KARIGA F'SENA DEĊISIVA GĦALL-INDUSRTIJA U L-PROFESSJONI

Il-Kamra tal-Periti, il-korp statutorju li jirregola u jirrappreżenta l-professjoni tal-arkitettura u l-inġinerija ċivili f'Malta, tħabbar b'sodisfazzjon il-kompożizzjoni tal-Kunsill li ġie elett dan l-aħħar, wara l-ħatra tal-karigi uffiċjali statutorji ta' tmexxija kif ġej:

| | |
|---|---|
| President | Perit André Pizzuto |
| Viċi-President | Perit Matias Camilleri de Marco |
| Teżorier Onorarju | Perit Ivynne Grixti |
| Segretarju Onorarju | Perit Julian Thompson |
| Membri tal-Kunsill | Perit Paul Dalli |
| | Perit Elaine Genovese |
| | Perit Sebastian Grima |
| | Perit Daniel Micallef |
| | Perit Lino Micallef |
| | Perit Malcolm Xuereb |

Il-Kunsill il-ġdid, li ser iservi sal-aħħar ta' din is-sena f'Diċembru, jassumi l-kariga tiegħu f'mument deċiżiv — mhux biss għall-professjoni, iżda wkoll għall-industrija tal-kostruzzjoni f'Malta inġenerali. It-terminu tal-Kunsill se jkun ikkaratterizzat minn programm wiesa' ta' xogħol leġislattiv, regolatorju u ta' politiki b'konsegwenzi diretti fuq il-professjoni, l-industrija, u l-pubbliku Malti.

Fost l-aktar prijoritajiet importanti tal-Kunsill hemm it-tfassil tal-ewwel parti tar-regolamenti ġodda tal-bini u l-kostruzzjoni fuq inkarigu tal-Awtorita' tal-Bini u Kostruzzjoni. Dan ix-xogħol jirrappreżenta leġislazzjoni fundamentali li se timmodernizza l-qafas regolatorju li jirregola kif il-binjiet jiġu ddisinjati, mibnijin u sorveljati. Il-kwalità u r-rigorożità ta' dan il-qafas għandhom impatt dirett fuq is-sigurtà tal-bini, l-istandards tal-kostruzzjoni, u l-ħarsien tal-interess pubbliku.

52, Triq San Pawl
Valletta VLT 1212
Malta

t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org

Kamra tal-Periti

Fl-istess ħin, il-Kunsill ser jagħti bidu lill-iżvilupp tal-ewwel politika nazzjonali dwar l-arkitettura f'Malta, bl-appoġġ tal-Awtorità tal-Ippjanar. Din hija inizjattiva storika li se tistabbilixxi viżjoni fit-tul għall-arkitettura bħala dixxiplina fis-servizz tal-pubbliku, tal-kwalità tal-ambjent mibni, u tal-identità kulturali u soċjali tal-Gżejjer Maltin. Din il-politika se tagħti, għall-ewwel darba, espressjoni nazzjonali formali lir-rwol li l-arkitettura taqdi fit-tfassil tal-ispazji li fihom in-nies jgħixu ħajjithom ta' kuljum.

Il-Kunsill se jkompli wkoll bir-riforma strutturali tal-Kamra tal-Periti bi preparazzjoni għall-implimentazzjoni sħiħa ta' dispożizzjonijiet ewlenin tal-Liġi tal-Periti, inklużi l-assigurazzjoni mandatorja ta' indennità professjonali u qafas għall-iżvilupp professjonali kontinwu. Dawn il-miżuri mhumiex purament amministrattivi. Jirrappreżentaw tisħiħ fundamentali fil-kontabilità tal-professjoni lejn il-pubbliku, u tal-garanzija li min juża s-servizzi ta' perit jistenna.

Il-Kunsill il-ġdid ser jissokta ukoll l-introduzzjoni ta' taqsimiet ġodda ta' speċjalizzazzjoni, fuq il-mudell tat-Taqsima għall-Arkitetti tal-Konservazzjoni, mħabbra fl-ewwel seminar tas-serje *Concrete & Stone* li għaddejja dwar l-Arkitettura Modernista Maltija ġimagħtejn ilu, bħala mudell għar-rikonoxximent u t-tisħiħ tal-esperjenza madwar il-professjoni kollha.

Qasam ieħor kritiku tax-xogħol tal-Kunsill huwa l-involviment attiv mal-Gvern u mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar ir-riforma tal-ippjanar. Il-Kamra tal-Periti għandha responsabbiltà statutorja u professjonali li tikkontribwixxi fit-tfassil ta' sistema ta' ppjanar li tkun trasparenti, ibbażata fuq evidenza, u li tirrispondi b'mod ġenwin għall-bżonnijiet fit-tul tal-komunitajiet u tal-ambjent. Il-Kunsill ser ikompli jiżviluppa riforma li tqiegħed il-kwalità tal-ambjent mibni u l-interess pubbliku fiċ-ċentru tal-politika u d-deċiżjonijiet tal-ippjanar.

Il-Kunsill jassumi wkoll ir-responsabbiltà għall-kontinwazzjoni tal-investigazzjonijiet dwar kondotta professjonali li għadhom għaddejjin, inklużi dawk relatati ma' inċidenti serji li affettwaw is-sigurtà pubblika. Fosthom hemm l-investigazzjoni relatata mal-kollass strutturali f'Paceville f'Lulju 2025, li sservi biex tfakkar dwar il-ħtieġa li l-industrija tiġi riformata b'reqqa, struttura, u fuq kollox, kompetenza. Il-Kamra tal-Periti hija impenjata li twettaq il-funzjonijiet investigattivi u dixxiplinari tagħha b'rigorożità, imparzjalità u trasparenza, fit-twettiq tad-dmir tagħha li tipproteġi l-pubbliku u ssostni l-integrità tal-professjoni.

Il-wisa' u l-importanza ta' dan il-mandat jirriflettu ċ-ċentralità tar-rwol tal-perit fis-soċjetà Maltija. Mis-sigurtà ta' strutturi individwali sal-karattru ta' inħawi sħaħ, mir-reżiljenza tal-industrija tal-kostruzzjoni sal-kapaċità tal-ibliet u l-irħula tagħna biex joffru kwalità tal-ħajja, il-professjoni tolqot il-ħajja ta' kull persuna f'Malta. Il-Kamra tal-Periti hija impenjata li twettaq ir-responsabbiltà statutorja tagħha bis-serjetà, id-dedikazzjoni, u s-sens ta' sens ċiviku li titlob.

Il-Kamra tal-Periti tħares 'il quddiem sabiex tkompli tingaġġa b'mod kostruttiv mal-Gvern, l-industrija tal-kostruzzjoni, professjonisti l-oħra, u l-pubbliku ġenerali, hekk kif tkun qed taħdem biex twettaq dan il-mandat fl-interess tal-professjoni u dak nazzjonali.

**TMIEM**